

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Klaes Kunststoffe GmbH (Neuenrade, il-Ġermanja)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell (R 1206/2012-1) tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tas-6 ta' Ġunju 2013 u tiċħad l-oppożizzjoni mressqa kontra l-applikazzjoni tar-rikorrenti għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja (Nru 9545096).

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Klaes" għal prodotti fil-klassi 42 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 9 545 096

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Klaes Kunststoffe GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark figurattiva ta' kulur blu "Klaes", għal servizzi fil-klassi 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2013 — Larrañaġa Otaño vs UASI (GRAPHENE)

(Kawża T-458/13)

(2013/C 313/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Joseba Larrañaġa Otaño (San Sebastian, Spanja); u Mikel Larrañaġa Otaño (San Sebastian) (rappreżentant: F. Bueno Salamero, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja li għaliha saret applikazzjoni: it-trade mark verbali "GRAPHENE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 13, 23, 25 u 38 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 895 258

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2013 — Larrañaġa Otaño vs UASI (GRAPHENE)

(Kawża T-459/13)

(2013/C 313/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Joseba Larrañaġa Otaño (San Sebastian, Spanja); u Mikel Larrañaġa Otaño (San Sebastian) (rappreżentant: F. Bueno Salamero, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja li għaliha saret applikazzjoni: it-trade mark verbali "GRAPHENE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 2, 6, 10 u 22 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 892 446

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2013 — Arrow Group u Arrow Generics vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-467/13)

(2013/C 313/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Arrow Group ApS (Roskilde, id-Danimarka) u Arrow Generics Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Kon, C. Firth, u C. Humpe, Solicitor)